malta biennale .art 2024

Under the Patronage of His Excellency the President of Malta and unesco

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

VALLETTA, Malta, 2 ta' April 2024

## L-aħħar żjara uffiċjali tal-President George Vella kienet għall-maltabiennale.art 2024

Il-maltabiennale.art kellu l-unur jilqa' lill-Eċċellenza Tiegħu, Dr George Vella, waqt l-aħħar żjara uffiċjali tiegħu bħala President ta' Malta. Dr Vella, li ta l-patroċinju tiegħu għal dan il-biennale, żar il-bosta esebizzjonijiet u installazzjonijiet fi ħdan il-Padiljun Prinċipali, li lkoll juru għadd ta' xogħlijiet vibranti li jirriflettu t-tema ċentrali: "baħar abjad imsaġar taż-żebbuġ." Matul iż-żjara tiegħu, Dr Vella kien akkumpanjat mill-President tal-maltabiennale.art, Mario Cutajar, u d-Direttriċi Artistika, Sofia Baldi Pighi, li spjegawlu iktar dwar l-artisti li qed jipparteċipaw u x-xogħlijiet kontemporanji tagħhom. Spjegawlu kif dawn ix-xogħlijiet qed joffru perspettivi ġodda dwar il-wirt u l-identità ta' Malta u l-Mediterran fi ħdan uħud mill-iktar siti storiċi importanti tal-gżejjer tagħna.

Hu u jitkellem dwar dan il-biennale, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu f'pajjiżna, il-President ta' Malta qal: "F'Malta, kburin ħafna bl-istorja u bil-kultura rikka tagħna. Ħafna mis-siti storiċi tagħna huma kkunsidrati bħala wħud mill-ikbar teżori tad-dinja. Dan l-ewwel biennale qed iservi ta' pjattaforma unika li permezz tagħha qed jiġu esebiti s-siti storiċi ewlenin Maltin mad-dinja kollha b'mod innovattiv, minkejja li għaddew sekli sħaħ minn fuqhom. Kien ta' pjaċir għalija li nkun xhud għat-talent ta' dawn l-artisti lokali u internazzjonali, li ngħabru fi xtutna biex jispiraw rwieħhom mill-gżejjer tagħna u jaqsmu l-kreattività tagħhom. Nestendi l-awguri tiegħi lil Mario Cutajar u lit-tim kollu tal-maltabiennale.art, li organizzaw avveniment daqshekk speċjali li qed jgħaqqad lin-nies flimkien waqt li jagħni x-xena kulturali ta' pajjiżna."

'Il fuq minn 140 artist rinomat, fosthom diversi personaġġi ewlenin fix-xena artistika internazzjonali, qed jikkontribwixxu l-espressjonijiet artistiċi singulari tagħhom – minn pitturi u tpenġijiet sa installazzjonijiet, skulturi, u videos, fost oħrajn – li permezz tagħhom qed jittrasformaw imkejjen ikoniċi madwar Malta u Għawdex fi spazji esebittivi immersivi. Fi ħdan il-Padiljun Prinċipali – li qed iseħħ fil-Palazz tal-Gran Mastru, fil-Forti Sant'Iermu, f'Dock 1, u fiċ-Ċittadella ta' Għawdex, fost postijiet oħrajn – hemm erba' kategoriji ta' xogħlijiet artistiċi, maqsumin f'temi interkonnessi: "Bħall-Baħar, Aħna: Il-Mediterran bħala korp politiku"; "Il-Kontropoter tal-Piraterija"; "Niddekolonizzaw lil Malta: Polifonija Aħna"; u "Il-Matriarkivju tal-Mediterran."

MUŻA Auberge D'Italie, Merchants Street, Valletta, Malta, VLT 1170 E. info@maltabiennale.art www.maltabiennale.art

Flimkien mal-Padiljun Prinċipali, il-viżitaturi jistgħu jesploraw il-bosta padiljuni nazzjonali u tematiċi li fihom hemm diversi kreazzjonijiet artistiċi minn madwar id-dinja. Dan il-biennale kburi li jista' jippreżenta kontribuzzjonijiet minn artisti li qed jirrappreżentaw pajjiżi bħaċ-Ċina, l-Ukrajna, l-Italja, Spanja, u l-Polonja. B'hekk, il-biennale qed jilħaq ħafna nies anke fuq skala globali.

"L-appoġġ tal-President mill-bidu nett tal-proċess kellu sehem kruċjali fil-vjaġġ ta' dan il-biennale biex jiġi rrikonoxxut internazzjonalment. Il-patroċinju tiegħu għena nattiraw l-attenzjoni tal-media u ta' dinjitarji minn madwar id-dinja kollha u b'hekk ilħaqna iktar nies minn pajjiżi differenti. Nestendi l-gratitudni sinċiera tiegħi lill-President għall-appoġġ kontinwu tiegħu. Nittamaw li dan il-biennale inawgurali se jkun l-ewwel f'serje ta' edizzjonijiet oħrajn li permezz tagħhom se tissaħħaħ ir-reputazzjoni ta' Malta bħala destinazzjoni li wieħed għandu jżur għad-diversità ta' arti viżiva li kapaċi toffri," stqarr Mario Cutajar, il-President tal-maltabiennale.art.

*maltabiennale.art hija inizjattiva tal-Heritage Malta permezz ta' MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, bi sħubija mal-Kunsill Malti tal-Arti. maltabiennale.art hija ppreżentata wkoll b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, mal-Ministeru ta' Għawdex, kif ukoll ma' Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u Spazju Kreattiv. L-inizjattiva tinkludi s-sehem tal-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, L-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Franco La Cecla, IULM University Milan, id-Dipartiment tal-Istudji Umanistiċi, il-Fakultà tal-Arti u Turiżmu, id-Dipartiment tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar ta' Heritage Malta, id-Dipartiment Arkeoloġiku ta' Heritage Malta u l-Mużew Marittimu ta' Heritage Malta.*

*maltabiennale.art tista' ssibhom online:*
*Is-sit uffiċjali: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*

# PRESS RELEASE

VALLETTA, Malta, 2nd April 2024

## President George Vella's last official engagement is visit to maltabiennale.art 2024

maltabiennale.art was honoured to welcome His Excellency, Dr George Vella on his final official engagement as President of Malta. Dr Vella, who has extended his patronage to the biennale, visited the diverse exhibitions and installations within the Main Pavilion, which showcase a vibrant array of works reflecting the central theme "baħar abjad imsaġar taż-żebbuġ" ("white sea olive groves"). Throughout the visit, Dr Vella was accompanied by maltabiennale.art President Mario Cutajar and Artistic Director Sofia Baldi Pighi who provided insights into the artists and their contemporary works which are offering fresh perspectives on Maltese and Mediterranean heritage and identity within some of the island's most esteemed heritage sites.

Speaking on Malta's inaugural biennale, the President of Malta expressed: "In Malta, we take great pride in our rich history and culture, with many of our heritage sites being among the most treasured in the world. This inaugural biennale serves as a unique platform, showcasing Malta's centuries-old heritage landmarks on the global stage in a fresh and innovative manner. It has been a pleasure to witness so many talented artists, both local and international, gather on our shores to take inspiration from our islands and share their creativity. I extend my congratulations to Mario Cutajar and the entire team at maltabiennale.art for organising such a remarkable event that is bringing people together and enriching our country's cultural landscape."

Over 140 acclaimed artists, including several leading figures in the international arts scene, are contributing their singular artistic expressions, spanning painting, drawing, installations, sculptures, video, and more, transforming iconic locations across Malta and Gozo into immersive exhibition spaces. Within the Main Pavilion—which is being hosted in the Grand Master's Palace, Fort St Elmo, Dock 1, and Gozo's Citadella, among other locations of note—artworks are categorised into four interlinked themes: "Can You Sea?: The Mediterranean as a Political Body"; "The Counterpower of Piracy"; "Decolonising Malta: Polyphony Is Us"; and "The Matri-archive of the Mediterranean."

Alongside the Main Pavilion, visitors can explore a range of national and thematic pavilions featuring diverse artistic creations from across the globe. The inaugural maltabiennale.art proudly presents contributions from artists representing countries such as China, Ukraine, Italy, Spain, and Poland, enriching the biennale's global reach and resonance.

"The President's support from the very start of this process has played a pivotal role in our inaugural biennale's journey to international recognition. His endorsement has helped us attract attention from media and dignitaries worldwide and bolstered our global outreach. I extend my sincere thanks to the President for his steadfast support. We anticipate this inaugural biennale to be the start of many editions to come, further solidifying Malta's reputation as a must-visit destination for its diversity of world-class offerings in the visual arts," expresses Mario Cutajar, President of maltabiennale.art.

*maltabiennale.art is a Heritage Malta initiative through MUŻA, the Malta National Community Art Museum, in partnership with Arts Council Malta. maltabiennale.art is also presented in cooperation with the Ministries for Foreign and European Affairs and Trade, National Heritage, the Arts and Local Government, and Gozo, as well as with Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, Valletta Cultural Agency and Spazju Kreattiv. With the participation of Malta School of Art, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, Malta Philharmonic Orchestra, Franco La Cecla, IULM University, Milan, Department of Humanities Studies, Faculty of Arts and Tourism, Underwater Department Heritage Malta, Archaeological Department Heritage Malta and Maritime Museum Heritage Malta.*

*maltabiennale.art is online:*
*Official website: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*